MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 51/2004

It-Tribunal ;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

" Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta' tminn mija u disgha u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 899.23) bilanc ta' prezz ta' xoghol li sar a beneficcju taghkom fl-appartament tal-konvenuti f'Portomaso, f'San Giljan, Malta kif ukoll l-interessi legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu, elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti."

Ra r-risposta li tghid hekk :

"1. Il-'Privilegium Fori' peress li effettivament il-konvenut George Zammit jirrisjedi fil-gzira ta' Malta.

2. In-nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenuti stante li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejniethom.

3. L-ammont reklamat jirrapresenta xoghol esegwit fuq inkarigu ta' bint il-konvenut Christine Zammit li pero' tallega li l-ammont huwa esagerat."

Sema' d-deposizzjonijiet tal-attur u ezamina d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra

Illi l-konvenut eccepixxa dak li huwa jsejjah il-*privilegium fori.* It-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni ghax apparti li t-Tribunal huwa wiehed kemm ghall-gzira ta' Malta kif ukoll ghall-Gzira ta' Ghawdex, u allura strettament dan il-privilegg kif maghruf f'Kap 12 ma jezistix quddiem dan it-Tribunal, il-konvenut ma sostniex l-eccezzjoni tieghu waqt is-smiegh tal-kawza u allura jitqies li rrinunzja ghall-istess.

Illi l-istess attur (fol 17) jghid li George Zammit talbu jaghmel xoghol fil-flat ta' bintu Christine Zammit; li kemm l-attur kif ukoll bintu kienu jissorveljaw ix-xoghol (fol 17) u li ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz (fol 17) izda meta temm ix-xoghol baghat il-kont lil George Zammit (fol 17). F'seduta sussegwenti (fol 30) pero' l-attur qal li x-xoghol kienet tissorveljah Christine Zammit tant li kienet hi li ssuggerietlu kif iqieghed ic-cangatura; il-kont talbitulu hi izda huwa nsista li jaghtih lil missierha li hallsu LM900; izda meta talbu iktar (il-bilanc dovut skond l-attur) dan tah it-telefon ta' bintu li qalet lill-attur li kien zammilha gholi. Christine Zammit (fol 38 et seq) xehdet li missierha kien ta' n-numru tat-telefon tal-konvenut u cemplitlu hi u ghamlu appuntament mal-attur fil-flat taghha. Prezenti kien hemm hija, zewgha, l-attur, martu u wlied l-atturi. Kien hemm (missierha ma kienx prezenti) li skond Christine Zammit ftiehmu fuq il-prezz. Anke mart l-attur ikkonfermat dan, billi qalet li, ghalkemm ma kinitx prezenti,

ghax kienet preokkupata b'uliedha, minnufiha wara l-laqgha zewgha nfurmaha li kien ftiehem bil-gurnata. Mistoqsi fejn tidhol is-socjeta' Ocean Way Co Ltd, l-attur m'gharafx iwiegeb.

Ghalhekk, billi jirrizulta li l-ftehim, kien x'kien, sar mal-konvenuta Christine Zammit u ma hadd iktar, il-konvenuti cioe' George Zammit u l-kumpannija Ocean Way Co. Ltd qeghdin jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Sbarazzati l-eccezzjonijet preliminari, jonqos li jigi kkunsidrat il-mertu.

Illi l-partijiet qeghdin jipprezentaw verzjonijiet konfliggenti dwar x'kien tabilhaqq il-ftehim ta' bejniethom, li kien wiehed verbali, dwar xoghol t'appalt konsistenti fi twahhil tac-cangaturi f'appartament tal-konvenuta.

L-attur fid-deposizzjoni tieghu jghid li *ma kienx hemm ftehim minn qabel dwar il-prezz* (fol 17). Skond hu l-ftehim tal-appalt sar mal-konvenut George Zammit fid-dar ta' dan l-ahhar fil-Qala. Kif diga gie stabbilit, kemm George Zammit kif ukoll bintu Christine Zammit cahdu li sar xi ftehim ma' George Zammit, u li l-ftehim sar ma' Christine Zammit biss, fl-appartament fejn kellu jsir ix-xoghol. Meta kkontro-ezaminaha, l-avukat patrocinatur tal-attur bl-ebda mod ma ssuggerielha li tabilhaqq il-ftehim ma sarx maghha, imma ma' missierha. Anzi kkontro-ezaminaha fuq il-modalita' tal-ftehim li hija qalet li ghamlet hi. L-attur ipprezenta l-kont li baghat lill-attrici (Dok A) li jikkonsisti f' LM1189.51 ghal *works*; LM36.97 ghas-siment; LM522.75 ghac-cangatura u LM50 brix. . Meta Christine Zammit qaltlu li kien zammilha gholi, l-attur, mistoqsi mit-Tribunal x'wegibha, xehed li *jien ma staqsejthiex l-ghala kienet qed tghid li zammejtilha gholi* (fol 30) – haga li t-Tribunal isibha ferm difficli biex jemmen, purke' tabilhaqq Christine Zammit kellha ragun biex tbiegh tant li l-attur ghazel li jibqa' b'halqu maghluq. Fil-fatt Zammit ikkonfermat fix-xhieda taghha li mistoqsi l-ghala ma zammx mal-ftehim, l-attur *qatt ma taghni*

*risposta sodisfacenti. Hu qal li l-prezz li kien tani kien biss il-prezz tac-cangatura*(fol 39).

Il-konvenuta kienet kategorika u assertiva fid-deposizzjoni taghha; spjegat li l-ftehim sar maghha u ma' zewgha u li kien bir-rata ta' Lm5.50 kull metru kwadru ghac-cangatura u zewg jew tlett liri addizzjonali biex joborxu . Cahdet li l-ftehim kien bil-gurnata; irriaffermat iktar minn darba li l-ftehim kien bil-metru kwadru, tant li talbet lill-attur jghidilha l-prezz globali kemm kien gej. Il-konvenuta cahdet li l-prezz lilha moghti kien il-prezz tac-cangatura, jew li hija kienet that l-impressjoni zbaljata li l-prezz tac-cangatura kien jinkludi x-xoghol ukoll. Tghid li hija kellha *budget* limitat u riedet tkun taf ezatt kemm kienet sejra tonfoq; qabel kellmet lill-attur kienet iccekkjat kemm kien jigiha materjal iehor; u waqt il-ftehim kienet attenta ghax kellha toqghod titraduci mill-Malti ghall-Ingliz peress li zewgha m'huwiex Malti.

L-attur ma rnexxilux igib dak il-grad ta' prova sufficjenti biex jipprova t-talba tieghu. Bl-ebda mod ma ggustifika l-kont li esebixxa permezz ta' ricevuti ghall-materjal mixtri u l-anqas ma gieb l-ebda record dwar kif wasal ghas-somma ta' 'l fuq minn elf lira Maltija ghax-xoghol tieghu. L-anqas biss indenja jghid kemm-il jum xoghol ghamel.

Min-naha l-ohra, it-Tribunal isib il-versjoni ta' Christine Zammit ferm iktar fededenja minn dik tal-attur.

Anke kieku t-Tribunal kellu jaccetta bhala prova l-kont esibit mill-attur, u anke kieku t-Tribunal kellu jaghti affidament ugwali liz-zewg verzjonijiet imressqa quddiemu, xorta wahda t-talba attrici ma kinitx tirnexxi, ghax jekk it-Tribunal ikollu quddiemu zewg verzjonijiet differenti li t-tnejn jistghu jirrizultaw veritajiet, allura ma jistax ikollu konvinciment morali bbazat fuq preponderanza ta' probabiltajiet. B'hekk l-unika konkluzjoni li jista' jasal ghaliha t-Tribunal hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod sodisfacenti

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fuq l-iskorta tal-principju *actor non probante reus absolvitur,* jichad it-

talbiet dedotti fl-avviz tat-talba bl-ispejjez a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------